# L - AĦBAR

PROVINĊJA FRANĠISKANA SAN PAWL APPOSTLU - MALTA No. 151 DIĊEMBRU 2009



*Artwork ta' Mark Satchwill - U.K.*

***Il-Povinċjal P. Sandro Overend O.F.M. u d-Definitorju jawguraw lill-aħwa kollha, il-familjari tagħhom u l-benefatturi***

***Milied Qaddis u Ħieni***
***u***
***Sena Ġdida 2010***
***mimlija Paċi u Ġid***

**N. B** **Fra Stephen Magro O.F.M. se jiġi ordnat djaknu nhar id-19 ta' Diċembru.**

**PENTEKOSTE FRANGISKAN GDID (3)**

Minn P. Raniero Cantalamessa O.F.M. Kap.

4. Predikazzjoni franġiskana mġedda

Fid-dawl tal-premessi li semmejna s' issa, ejjew issa naraw kif se nwettqu dawn it-tlett aspetti fundamentali tal-esperjenzji franġiskani tal-bidu – predikazzjoni, talb u faqar.

Dwar l-ewwel waħda, il-predikazzjoni. Qabelxejn nrridu ngħamlu mistoqsija daqxejn inbarazzanti: x' post għandha l-predikazzjoni fl-Ordni Franġiskan illum? Waqt li kont qed nippriedka lill-membri tal-*Casa Pontificia*, għamilt riflessjoni li nemmen li tgħodd għall-lum ukoll. Fil-knejjes protestanti u, b' mod speċjali, fil-knejjes u s-settet ġodda, il-predikazzjoni hi kollox. B' konsegwenza ta' dan, qed jiġu mħarrġa u dawk, li huma kapaċi, isibu ruħhom, b' mod naturali, biex jitkellmu. Hija l-attivita' prinċipali fil-Knisja. Min huma dawk fostna li qed joffru ħajjiethom biss għall-predikazzjoni? Fejn qed imorru dawk il-persuni li jħossuhom ħajjin u validi fil-Knisja? X' post għandu, fil-ħajja tas-saċerdoti żgħażagħ, l-uffiċċju tal-predikazzjoni, fost 'il ħafna attivitajiet oħra possibbli u destinazzjonijiet? Jiena qed nħoss dieqa kbira, għaliex dawk li jagħtu ħajjiethom għall-predikazzjoni huma dawk li jgħażlu li jkomplu l-istudji, biex jmexxu, għad-diplomazija, għat-tagħlim u l-amministrazzjoni.

Meta kellimt lill-membri tal-*Casa Pontificia,* għedtilhom: hemm bżonn nerġgħu nagħtu lill-uffiċċju tal-predikazzjoni l-post tal-unur li jistħoqqlu. Hawn inżied: hemm bżonn fil-familja franġiskana li nerġgħu nagħtu lill-uffiċċju tal-predikazzjoni l-post li jistħoqqlu. Laqtitni riflessjoni li għamel de Lubac: "Il-ministeru tal-predikazzjoni mhuwiex il-volgarizzazzjoni tat-tagħlim dottrinali fil-forma l-aktar astratta, li għaliha jista' jkun qabel jew wara. Huwa għall-kuntraju, l-istess tagħlim dottrinali fil-forma l-iktar sublimi". S. Pawl, il-mudell tal-predikaturi, żgur li kien ipoġġi l-predikazzjoni qabel kollox u kollox suġġett għaliha. Kien isostni t-teoloġija billi jippriedka u mhux teoloġija li minnha kien iħalli, li oħrajn jgħarfu l-aktar partijiet elementari biex jgħadduhom lin-nies komuni permezz tal-predikazzjoni.

Mill-passat tagħna, aħna l-Kattoliċi ninsabu aktar ippreparati, biex nagħmulha tar-'ragħajja' u mhux ta' 'sajjieda tal-bnedmin'. Fi ftit kliem aktar qed niġu ppreparati biex nieħdu ħsieb dawk il-persuni li baqgħu maqgħudin mal-Knisja, milli biex inġiebu persuni ġodda jew inġiebu dawk li telquha. Il-predikazzjoni itineranti, kif mgħexha minn Franġisku, taqbel ma' din l-esiġenza. Ikun dnub jekk il-knejjes u l-istrutturi kbar li għandna, jgħamlu minna l-Franġiskani, rgħajja biss u mhux sajjieda tal-bnedmin. Il-Franġiskani, mill-vokazzjoni oriġinarja tagħhom, għandhom ikunu 'evanġeliċi', l-ewwel li kienu 'evanġeliċi'. Ma jistgħux jippermettu li f' xi kontinenti, bħall-Amerika Latina, il-predikazzjoni itineranti ssir xi privileġġ speċjali biss għall-knejjes protestanti 'evanġeliċi'.

Fuq il-kontenut tal-predikazzjoni tagħna hemm xi osservazzjonijiet importanti wieħed x' għandu jgħamel. Huwa magħruf li fil-bidu, l-predikazzjoni franġiskana

kienet kollha ddur fuq is-suġġett tal-'penitenza', għall-fatt li l-ewwel isem li ngħata lill-patrijiet, kien dak tal-'penitenti t' Assisi' (L3C 10, v.37 {FSF 573}) . Bil-kliem 'predikazzjoni penitenzjali' kienu jfissru, allura, predikazzjoni ċċentrata fuq il-konverżjoni, fis-sens ta' bdila tal-mod kif tgħex, mela tal-karattru morali. Kien il-mandat li Innoċenż III ta lill-patrijiet: "Morru, ippriedkaw lil kulħadd il-penitenza" (1C 13 {FSF 230}). Fir-regola definittiva dan il-kontenut moralistku, huwa speċifiku: il-predikaturi jridu jippriedkaw "fuq il-vizzji u l-virtu', dwar it-tbatija u l-glorja" ( Reg B 9 {FSF 154} ).

Dan huwa l-punt fejn ir-ritorn mekkaniku għall-bidu tal-moviment tagħna jista' jkun fatali. F' soċjeta' nisranija, dan il-punt dwar dak li għandu jsir, hija xi ħaġa naturali u urġenti, fuq li wieħed jista' jinsisti. Imma llum m'għadnhiex hekk. Qed ngħexu f' soċjeta', li f' ħafna pajjiżi, saret post-nisranija. Illum l-aktar ħaġa neċessarja hija li hemm bżonn ngħenu lill-bnedmin jersqu lejn il-fidi, jerġgħu jiskopru lil Kristu. Għal dan l-iskop, il-predikazzjoni morali jew moralistika mhijiex biżżejjed. Hemm bżonn ta' predikazzjoni kerigmatika li tmur dritt għall-qalba tal-messaġġ, it-tħabbira tal-misteru tal-Għid ta' Kristu. Din kienet it-tħabbira, li l-appostli ppriedkaw f' dinja pre-nisranija u b' din inridu nittamaw, li nerġgħu nevanġelizzaw lid-dinja post-nisranija.

Franġisku, kif ukoll mħabba fih l-ewwel sħabu, irnexxilu li evita dan il-limitu moralistiku fil-predikazzjoni tiegħu. Fih insibu l-qawwa tat-tiġdid evanġeliku. Il-Vanġelu kien verament il-Vanġelu, jiġifieri tħabbira ferrieħa. Tħabbira tar-rigal t' Alla lill-bniedem qabel mal-bniedem wieġeb. Dante ġabar, fi ftit kliem, meta jgħid fuqu u fuq l-ewwel sħabu: " *La loro concordia e i lor lieti sembianti, amore e meraviglia e dolce sguardo, facieno esser cagion di pensier santi*"( *Divina Commedia, Paradiso,* 11,vv.76-78 )

Huma sabu, jgħidu l-Fonti, it-teżor moħbi u l-ġawhra prezzjuża u riedu jxandruha ma' kulħadd (ara 1C 3 {FSF 206-207}). L-ambjent li bih kien imdawwar Fran ġisku, mhuwiex bħal dak ta' xi predikaturi franġiskani li ġew warajh, speċjalment fiż-żmien tal-Kontroriforma, li kienet iċċentrata fuq l-għemejjel tal-bniedem, awstera, fqira, imma kienet awsterita', li kienet aktar eqreb ta' Ġwanni il-Battista milli ta' Ġesu'. L-istess xbieha ta' Franġisku ġiet mibdula b' mod ħażin b' dan l-atte ġġjament. Kważi l-pitturi kollha ta' dak iż-żmien kienu jppinġuh, fil-mument tal-meditazzjoni tiegħu, b' xi ras ta' mewt f' idejh. Imma għalih il-mewt kienet qiesha bħala oħtu l-għażiża! Inkomplu, aħna wkoll, bħala Franġiskani, nippriedkaw l-konverżjoni, imma ejjew nagħtu lil din il-kelma dak is-sens li Ġesu' ried ittiha meta qal: "Indumu u emmnu fil-Vanġelu" (Mk1,15). Qablu 'tikkonverti' kienet tfisser dejjem tbiddel ħajjtek u drawwiejtek, tmur lura ( huwa s-sens tal-kelma ebrajka *shub*!). Imma issa tfisser tgħamel qabża 'l quddiem u tidħol fis-saltna, li ġiet mogħtija b' xejn lill-bnedmin kollha. "Indmu u emmnu" mhumiex żewġ affarijiet differenti, imma l-istess ħaġa. Indmu, jiġifieri temmen fl-Aħbar it-Tajba! Hija l-aktar ħaġa ġdida evanġelika u Franġisku laqgħha mall-ewwel, mingħajr ma għad jistenna, dak li tgħallem it-teoloġija biblika tall-lum.

***jitkompla fil-ħarġa li jmiss..........***

## ‘IS-SAĊERDOT’
### fil-Kitbiet ta’ Missierna San Frangisk
**( It-tieni parti )**

Mir-**Regola non bullata** : ‘ Is-saċerdoti għandhom jitħaddtu meqjus magħhom, u jagħtuhom il-penitenza jew xi parir spiritwali ieħor ’ 12 {FSF 171} ‘L-aħwa tiegħi imberkin, kemm kjeriċi kif ukoll lajċl, għandhom jistqarru dnubiethom għand is-saċerdoti tal-Ordni tagħna. U jekk ma jistgħux jagħmlu dan, għandhom jistqarruhom għand saċerdoti oħrajn prudenti u kattoliċi, filwaqt li jkunu jafu bil-qawwa u jirriflettu li kull meta jirċievu l-penitenza u l-assoluzzjoni minn dawk id-dnubiet, ………….. Iżda jekk ma jistgħux isibu saċerdot, wieħed jista’ jistqarr ħtijietu għand wieħed mill-aħwa, ………… B’ daqshekk , iżda, ma għandhomx jonqsu milli jmorru għand is-saċerdot, għax lis-saċerdoti biss ġiet mogħtija s-setgħa li jorbtu u jħollu mid-dnubiet. 20 {FSF 179} ‘Aħna l-patrijiet minuri, kollha kemm aħna, *qaddejja li ma niswew għal xejn* bl-umilta’ nitolbu lil dawk kollha li jridu jaqdu lill-Mulej Alla fil-Knisja…….,saċerdoti, …………….biex ilkoll kemm aħna nżommu sħiħ fil-fidi vera……………… 23 {FSF 182}

Mit-**Testment** : ‘U l-Mulej tani u għadu jagħtini fidi hekk kbira fis-saċerdoti, li jgħixu skond il-forma tal-Knisja mqaddsa Rumana, min-ħabba l-ordni sagri tagħhom, irrid nitlob l-għajnuna tagħhom, ukoll jekk niġi ippersegwitat minnhom. U kieku kelli tant għerf daqs kemm kellu Salamun, u kelli niltaqa’ mas-saċerdoti fqajrin ta’ din id-dinja fil-parroċċi fejn jgħixu, jiena ma rridx nippriedka kontra r-rieda tagħhom. U lil dawn stess u lill-oħrajn kollha irrid inħobb, inweġġaħ u lejhom nuri biża, bħallikieku huma s-sidien tiegħi. U ma rridx inqis id-dnub fihom, għaliex fihom nilmaħ lill-Iben ta’ Alla u huma s-sidien tiegħi. U nġib ruħi hekk magħhom, għaliex f’ din id-dinja jiena ma nilmahx bl-għajnejn tal-ġisem tiegħi mill-istess Iben t’ Alla l-Aktar Għoli, ħlief il-ġisem u d-demm l-aktar qaddis tiegħu, li huma jieħdu u huma biss iqassmu lill-oħrajn. v. 6-10 {FSF 187}

Mument importanti waqt l-Ordinazzjoni Presbiterali, meta d-djakni jinżlu wiċċhom mal-art u titkanta l-Litanija tal-Qaddisin.



Nitolbu għall-qdusija tas-saċerdoti u għall-vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi.

3.

# JUSTICE, PEACE AND INTEGRITY OF THE CREATION ( JPIC )

## A lifestyle, constructing a new reality

**Principles and Methodology**

Following biblical tradition (in particular the text of the gospel *Beatitudes*) and the directions of the Second Vatican Council (*Gaudium et spes*), the Friars Minor set up in 1980 the Commission "Justice, Peace and Integrity of the Creation". The aim of this is to put into action that which was affirmed by the bishops i.e. "to act for justice and to participate in the transformation of the world appear clearly to us as an essential part of the Gospel" (BISHOPS' SYNOD 1971, Justice in the world). It is not a matter of a novelty, but of a means of reaffirming that this commitment involves the whole life and spirituality of Franciscans transversally. St. Francis' love for creation was well known, "understood" in the sense not of an absolute reality but as a reflection of the Creator, an impression by which the features of the God with whom he was in love may be discerned. At the centre of creation stands man: for him it was worth any effort so that justice and peace may reign on earth. And this earth, in its turn, was entitled to be respected in its seasons and its laws, according to the harmony inherent it it.

Listening to the world, with its joys and its hopes, its gains and its failures, in its continual seeking for freedom, equality and justice, is transformed into a style of life which, with both example and works, puts itself at the service of the poor, the marginalized and the oppressed in order to transform the world according to the values of the Kingdom of God. *Evangelii nuntiandi* states at no.31: "It is not possible to accept that evangelization can or must overlook the importance of problems, so much debated nowadays, concerning justice, liberation, development and peace in the world. It would be to forget the lesson taught to us by the Gospel of love for one's suffering and needy neighbour".

The Friars Minor feel themselves called to live and preach the Gospel with works of reconciliation, peace, justice and care for creation. It is not however a matter of one activity amongst many others, but an essential element of one's vocation, like prayer, fraternity and minority. *JPIC* is a style of life and of mission, driven by the great causes of humanity and committed to the benefit of all human beings so that they may live dignified lives. JPIC is an axis which cuts across all dimensions and all the stages of Franciscan life: prayer, fraternity, formation, upkeep, vows and mission. Friars must not alone be poor, but they must also be with the poor, in order to understand their needs and problems, and ready to defend their rights. They must conduct an ecological lifestyle, respectful of creation and its resources. They are called upon to denounce false values, committing themselves with all men of good will to built a just, free and peaceful society.

The fields of action of the Commission *JPIC* are: justice, peace, human rights and ecology. The means by which it carries out its role are: attention to the world situation, a heart open to the needs of our neighbours and charitable works, especially the "political" sphere, involving the elimination of the causes of disparity between people, the violation of their

**Formation and Initiatives**



Formation, lifestyle and projects are the three driving forces of a life based upon the values of *JPIC*.
In the period 2003-2009 a lot has been done to persuade friars and lay people to adopt this mentality:

- by means of the elaboration of aids and documents: *A New World is possible 2004*; *JPIC Office plan of action:2003-2009*; *Franciscan Non-violence* 2003; *The Ten Commandments of the animators of JPIC* 2004; *Embracing today's marginalized* 2006; *Pilgrims and Strangers in this world* 2008; *Directions for animating the JPIC* 2009.
- the editions of the bulletin *Contact* (in 4 languages)
- the organization of three *JPIC Courses* at the Pontifical University Antonianum in Rome (2007,2008 and 2009) and of the Second International Conference at Uberlandia (Brazil) in 2006.

Beyond the application of the values of *JPIC* in the everyday lives of individuals and Franciscan communities (sharing money and structures with the poor, avoiding waste) between 2003 and 2009 specific projects in various entities within the Order have been initiated: *Baketik*, Centre for peace and the ethical resolution of conflicts in the Basque Country (www.baketik.org); The Circles of Silence in many French towns (www.cercledesilence.info/les_cercles_de_Silence) ; the fraternities which live and accompany the "landless" in Brazil and the *deplazados* (those who live at the margins or are displaced in society) in Colombia; the *Eco-Pastoral Project* in Indonesia.

Other initiatives have arisen and been followed up involving the various branches of the Franciscan family the NGO *Franciscans International* at the United Nations (www.franciscansinernational.org active since 1990) to promote Franciscan values in all the United Nations meetings, with offices at Geneva, New York and Bangkok; the *Franciscan Solidarity Seminar* sponsored by the German *Missionzentrale* and managed with the assistance of the World Social Forum; the *JPIC Office of the Franciscan Family at Nairobi (Kenya)* founded in 2007 as a reference point for all the organizations who work in this field; the *Franciscan Action Network of the United States*, begun in 2008 as a public defence office in Washington DC.

In different ways a contribution has been made to initiatives occurring in various parts of the world, suggested by church associations or social movements; for example the support given for the defence of economic rights of the inhabitants of the island of Lembata (Indonesia) in May 2007.

The formation of the constitutive values of justice peace and the integrity of the creation become in this way the capacity to be always ready to welcome the challenge that each time brings to societies and cultures. At the same time, this formation renders us able to offer intelligent responses, inspired by the wisdom of the gospel, for the construction of man and a world which carries in itself the imprint of its Creator.



# DJARJU TAŻ-ŻJARA FRATERNA TAL-MINISTRU ĠENERAL

**It-Tlieta 27 t' Ottubru**

Wara jiem ta' preparazzjoni intensiva, wasal il-jum tal-wasla fostna tal-Ministru Ġeneral P. Jose' Rodriguez Carballo O.F.M., flimkien mad-Definitur Ġenerali tal-lingwa ingliża, P. Francis Walter 0.F.M. Huma waslu fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta minn Ruma, bit-titjira KM 613 fis-1.15 pm fejn sabu lill-Provinċjal, il-Vigarju Provinċjali u lil Fra Lorrie Zerafa, il-fotografu uffiċċjali ta' din iż-żjara, jilqgħawhom. Dritt wara, huma baqgħu sejrin fil-kunvent ta' Tas-Sliema, fejn ġew milqugħa mill-membri tal-fraternita'. Flimkien magħhom talbu lill-Mulej biex din iż-żjara tħalli l-frott mixtieq. Fl-4.00 pm bdew bl-ewwel żjara tagħhom lill-fraternita' tal-Ħamrun. Hemmhekk, fil-knisja ltaqgħu mas-Sorijiet Franġiskani Missjunjari tal-Qalb bla tebgħa ta' Marija (tal-Egittu), li għandhom kunvent viċin din il-knisja u l-membri tal-OFS lokali. Imbgħad daħlu fil-kunvent biex jiltaqgħu mal-fraternita'. Wara marru r-Rabat. Hemmhekk huma żaru l-Kazin Banda L' Isle Adam u wara s-Santwarju ta' S. Ġużepp Ikurunat. Fil-kunvent huma ltaqgħu mal-fraternita' - patrijiet, studenti u postulanti. Huma żaru wkoll is-Seminarju tal-Provinċja, peress din hija d-Dar tal-Formazzjoni Provinċjali. Wara rħewlha lejn iċ-Ċirkewwa biex jaqbdu l-vapur t' Għawdex, fejn għamlu żjara u kielu mal-fraternita' ta' Għajnsielem. Aktar tard irritornaw lejn il-kunvent ta' Tas-Sliema.

**L-Erbgħa 28 t' Ottubru**

Fit-8.00 am il-Min. Ġen. mexxa Quddiesa Konċelebrata fil-Monasteru ta' S. Klara. Wara ltaqa' mal-komunita' tal-Klarissi. Wara marru l-Imsida fid-dar 'Betanja' għand is-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesu' (ta' Malta). Huma żaru l-Juniorat u l-infermerija, li għandhom dawn is-sorijiet f' dan il-kunvent. Direttament wara marru l-Belt Valletta, fejn daru dawra mas-swar. Fil-kunvent tal-Belt iltaqgħu mal-fraternita' u wara ħadu sehem fil-laqgħa tal-Kunsill Provinċjali tal-Formazzjoni. Żaru wkoll l-Arkivji Provinċjali u l-Kummissarjat tal-Art Imqaddsa. Fl-aħħar kielu flimkien mal-fraternita'. Għal xi l-4.00pm għamlu żjara lill-Laboratorju tal-Paċi ġewwa Ħal-Far. Wara żaru lill-fraternita' ta' S. Marija tal-Anġli. Fil-5.30 pm saret laqgħa ġenerali mal-patrijiet kollha tal-Provinċja fid-Dar tal-Irtiri ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq. Bħala introduzzjoni tkellem il-Ministru Provinċjal fejn rringrazzja lill-Ministru Ġeneral u lil Fr. Francis taż-żjara fraterna li kienu qed jgħamlu fostna u talli aċettaw li jiġu fostna, ftit xhur wara l-għeluq tal-Kapitlu Ġenerali. Wara mument ta' talb, tkellem il-Ministru Ġeneral. Huwa qal li jinsab kuntent ħafna li qiegħed fostna u jkompli jsaħħaħ ir-relazzjoni tiegħu mhux biss ma' Malta imma fuq kollox mal-patrijiet tal-Provinċja tagħna, li xi whud minhom beda jsir jafhom sa mill-Istudentat tiegħu ġewwa l-Art Imqaddsa. Irringrazzja qabelxejn lill-Provinċja ta tant aħwa li taw jew qed jagħtu s-servizz lill-Ordni. Huwa ġie biex jgħamilna kuraġġ biex nkomplu mexjin 'il quddiem. Imbgħad għamel id-diskors tiegħu ( li se jidher f' ħarġa oħra). Wara sarulu xi mistoqsijiet dwar l-Art Imqaddsa, l-*moratorium*, l-istudju u l-ħajja fraterna. Huwa ħeġġeġ lill-aħwa biex jmorru jagħtu

servizz tagħhom f' din l-art, speċjalment f' xi santwarji. ( Ara p.31 tad-dokument tal-Kap.Ġen.) Ma nistgħux nitilfu missjoni bħal dik. Dwar il-*moratorium*, fakkar f' dak li hemm miktub f' paġna 28 tad-dokument tal-Kap.Ġen. n.10 u 11 - żmien ta' talb, fraternita', qsim tal-ħajja mal-foqra u riflessjoni intelettwali. Huwa saħħaq ħafna fuq l-importanza tiegħu u din għandha titqies bħala bżonn. Tkellem ukoll dwar il-bilanċ (*armonizzare i diversi impegni*) li għandu jkun hemm bejn il-ħidma pastorali / studju u l-ħajja fraterna. Semma' l-fatt li l-internet, bħal kull ħaġa oħra, għandha l-periklu mhux biss li jintuża ħażin, imma li l-patri jinqata' mill-ħajja fraterna. Il-laqgħa intemmet b' talb u ritratt ta' tifkira. Wara saret ikla fraterna, fejn ftakkarna f' ħuna P. Kamillu, li kien għadu kemm għamel operazzjoni f' saqajh u tajna l-awguri lil P. Richard, fl-okkazjoni tal-'*birthday*' tiegħu.

**Il-Ħamis 29 t' Ottubru**

Fid-9.00 am kellu laqgħa mal-Arċisqof ta' Malta Mons. P. Cremona O.P. fir-residenza tiegħu f' Ħ'Attard. Hemmhekk iltaqa' ukoll, b' kumbinazzjoni, mal-Isqof t' Għawdex, Mons. M. Grech. Wara baqgħu sejrin Ħal-Balzan fil-kunvent tas-Sorijiet Franġiskani Missjunarji ta' Marija, fejn iltaqgħu mat-tfal u mas-sorijiet. Għal xi l-11.00 am marru fid-Dar tal-Kleru, B' Kara, fejn iltaqgħu ma' l-4 patrijiet li qed jgħixu hemm. F' nofsinhar huma kielu mal-fraternita' ta' Tas-Sliema. Fl-4.45 pm iltaqa' mal-membri tad-Definitorju Provinċjali, fejn irringrazzja lill-aħwa tas-servizzi li qed jgħatu kemm f' Malta kif ukoll barra minn xuxtna. Tkellem dwar ir-rwol tad-Definitorju u tal-Gwardjani. Saħħaq ħafna fuq il-formazzjoni permanenti. Fid-diskussjoni li saret wara, ħareġ ċar il-fatt li kull patri jrid jgħamel il-parti tiegħu għaliex il-Provinċja tiddependi minn kull wieħed minna. L-Art Imqaddsa u l-formazzjoni permanenti ( *lectio divina*, irtiri, t-talba flimkien tal-Liturġija tas-Siegħat eċċ. ) reġgħu kienu fost is-suġġetti diskussi.

Fis-6.30 pm huwa mexxa Quddiesa Konċelebrata fil-Knisja Parrokkjali tal-Madonna tas-Sacro Cuor f' Tas-Sliema. Għal din il-Quddiesa kienu preżenti l-Ecc. Tiegħu l-President Emeritus E. Fenech Adami u s-Sinjura Fenech Adami, l-Onor. Jason Azzopardi, rappreżentant tal-Prim Ministru ta' Malta u bosta persuni distinti. Mistiednin oħra distinti ma setgħux jattendu, minħabba li kellhom impenji oħra. Flimkien mal-Ministru Ġeneral ik-konċelebraw numru kbir ta' aħwa, flimkien ma' saċerdoti u patrijiet ta' bosta ordnijiet, fost-hom 4 provinċjali. Il-knisja, li kienet għadha armata mill-festa ta' S. Franġiask, kienet mimlija daqs bajda bil-preżenza tas-sorijiet u tal-lajċi. Il-mużika, li kienet tal-Maestro Giuseppe Camilleri u Mro Marco Frisina, tmexxiet mill-Mro. Hermann Farrugia Frantz, il-*maestro di cappella* tal-Provinċja tagħna. Iċ-ċerimonjier kien P. Anton Farrugia. Il-Ministru General għamel l-omelija ( li se tiġi ppublikata meta tkun f' idejna). Wara ż-żewġ studenti tal-Provinċja tagħna, Fra Josef Ciappara u Fra Walter Vassallo rċevew l-ministeru tal-Akkolitat minn idejn il-Ministru Ġeneral. L-offerti jtellgħu minn Fra Guzepp Debono u tlett sorijiet franġiskani. Il-Quddiesa saret bit-Taljan imma l-poplu wieġeb bil-Malti. Il-postulanti taw s-servizz tagħhom fuq l-altar. L-akkolti l-ġodda qarbnu lill-ġenituri tagħhom. Qabel il-barka tal-aħħar, il-Provinċjal, f' isimna lkoll, irringrazzja lil Min. Ġeneral u lil Fr. Francis talli ġew fostna u ħeġġiġna lkoll biex nkomplu l-mixja tagħna fi' ħdan il-Knisja. Huwa ppreżenta xini tal-fulugran lil Min. Ġeneral u lil Fr. Francis, taljakarti tal-fidda. Bħala sorpriża, tifel ta' 7 snin, kanta *La giacca rotta*, kanzunetta taz-*Zecchino D' Oro*, li jsir fil-kunvent tagħna ta' S. Antnin ġewwa Bologna. Din kienet ġiet kantata mill-Malti Raymond Debono fl-1962 u rebaħ biha. Miegħu nqagħad l-kor tat-tfal ' S. Damjan' tal-Parroċċa tagħna ta' Tas-Sliema. Wara kulħadd mar fil-Każin tal-Banda Ċittadina Sliema , fejn, waqt riċeviment, il-Min. Ġeneral seta' jiltaqa' mal-mistiednin.

**Il-Ħamis 29 t' Ottubru 2009**

Fit-8.20 am, bit-titjira KM 626, huma telqu lejn l-Ajruport Internazzjonali ta' Malpensa, Milan. Qabel it-tluq tagħhom huma sellmu, fl-Ajruport ta' Malta, lill-Min.Provinċjal, Vigarju Provinċjali, P. Joe Caruana, P. Alexander Borg u Fra Lorrie Zerafa. Żgur li ħadu magħhom tifkiriet sbieħ u raw b' għajnehom, mhux biss is-sbuħija ta' pajjiżna, - minn dak li setgħu jaraw f' jumejn u nofs, bejn laqgħa u oħra -, imma wkoll id-dħulija u l-ġenerożita tal-poplu tagħna. Jiddispjaċina ngħidu li xi media ma tatx il-*coverage* kif suppost, minkejja li ntbgħat lilhom l-materjal neċessarju. ***TE DEUM LAUDAMUS***




















## GRAZZI MILL-QALB LIL KULĦADD

**Min. Provinċjal, Vigarju Provinċjali u Fra Lorrie Zerafa - li kienu magħhom f' kull post, P. Gwardjani u l-komunitajiet kollha, ħutna li qegħdin fid-Dar tal-Kleru u Dar S. Pawl, Klarissi u s-Sorijiet Franġiskani kollha, l-mistiednin u tant lajċi, speċjalment dawk li jgħexu viċin tal-kunventi tagħna, fosthom il-Kumitat tal-Banda Sliema, li offra b' xejn l-użu tas-swali tal-każin.**

*Mis-Segretarjat Provinċjali għall-Missjonijiet u Evanġelizazzjoni*

## RENDIKONT TAL-OFFERTI
## GĦALL-MISSJONIJIET FRANĠISKANI
## SENA 2009

| | |
|---|---|
| Sliema | € 300.00 |
| Rabat | € 290.00 |
| Belt | € 500.00 |
| Hamrun | € 500.00 |
| Baħar iċ-Ċagħaq | € 215.00 |
| Għawdex | € 150.00 |
| Kappella Madonna ta' Liesse | € 100.00 |
| Kappella Ġesù Ħabib | € 100.00 |
| Kappella Nazju Falzon | € 80.00 |
| Donazzjoni - Klarissi | € 60.00 |
| Grupp S. Franġisk – Ħamrun | € 151.00 |

Waslet għandi wkoll il-ġabra li saret għal Patri Anġlu Falzon OFM, meta jċċelebra l - 25 anninversarju saċerdotali tiegħu fil-Parroċċa tagħna ta' Tas-Sliema, li kienet ta' € 305.00.

Donazzjoni oħra saret għal Mons. Robert Camilleri OFM mingħand Mons. Sylvester Magro OFM għall - inċident tal-ħruq tal-Kurja, li kienet ta' € 657.33.

**+ Grazzi mill-qalb lil kulħadd +**

*Segretarju Provinċjali għall-Missjonijiet u Evanġelizazzjoni*
P. George Bugeja OFM ***www.ofm.org.mt/missions***

==============================================

***Stedina*** ↓↓↓

**Festa Solenni tal-Epifanija tal-Mulej**
**Monasteru ta' S. Klara – S. Giljan**
**6 ta' Jannar 2010**
**6.00 pm Quddiesa Konċebrata**



# AĦBARIJIET MILL-PROVINĊJA TAGĦNA

Tħabbar uffiċjalment li Mons. R. Camilleri hatar lil P. Joe Bonello bħala Vigarju Ġenerali tad-djoċesi ta' Comayagua, Honduras. Nifirħulu u nawgurawlu ……..!!!!!!!!!!!!!



27 ta' Settembru - Il-Kunsill Lokali tar-Rabat ta l-*Unur ir-Rabat 2009* lil P. Pawl Galea għall-kontribut siewi tiegħu b' risq ir-Rabat fiċ-ċelebrazzjonijiet ta' Ġimgħa Rabat. Bħalissa huwa l-Gwardjan u l-Mastru tal-Postulanti u l-Istudenti fil-fraternita tagħna tar-Rabat. *Awguri !!!!!*

9 ta' Novembru - Tħabbret il-mewt t' omm P. Marcellino, is-Sinjura Catherine Micallef, fl-għomor ta' 77 sena. Il-funeral sar fil-knisja tagħna tar-Rabat jumejn wara. Agħtiha, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem u d-dawl ta' dejjem jiddi fuqha, tistrieħ fil-paċi. Ammen.



Bejn is-16 u d-19 ta' Novembru P. Jimmy Zammit, bħala Viċi-Vizitatur Ġenerali ta' P. Francesco Bravi għall-Kustodja tal-Art Imqaddsa, ha sehem fil-laqgħat li saru ġewwa l-Kurja Ġeneralizja tal-Ordni. Huwa se jżur il-Kummissjarati ta' Washington u ta' Buenos Aires (Argentina) u l-kunventi, li l-Kustodja għandha ġewwa Ċipru, l-Egittu, il-Libanu, Rodi u s-Sirja. Nawgurawlu minn qiegħ qalbna għal-ħidma siewja li se jwettaq !!!!!

17 ta' Novembru - Il-Kunsill Nazzjonali tal-O.F.S. organizza l-festa tal-Padruna S. Elizabetta tal-Ungerija ġewwa s-Sala tal-Konferenzi ĊAK, f' B'Kara. Il-programm kien jinkludi għ asar kantat u kelmtejn fuq il-qaddisa.

21 ta' Novembru - Fl-10.00 am saret Quddiesa Konċelebrata fil-Kappella tal-Provinċja, li tinsab fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata, għall-erwieħ ta' ħutna l-patrijiet, ġenituri, qraba u benefatturi. Mal-Provinċjal kkonċelebraw numru sabiħ t' aħwa. L-animazzjoni kienet f' idejn Fra Leo Ciantar.

22 ta' Novembru - Tħabbret il-mewt ta' missier P. Marcello, is-Sinjur Denis Ghirlando, fl-għomor ta' 76 sena. Il-funeral sar fil-knisja parrokkjali tal-Iklin jumejn wara. Agħtih, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem u d-dawl ta' dejjem jiddi fuqu, jistrieħ fil-paċi. Ammen.

28 ta' Novembru - Ġewwa l-kunvent tagħna ta' Tas-Sliema, saret laqgħa oħra għall-Gwardjani u l-Ekonomi tal-fraternitajiet tagħna. Għaliha kien hemm preżenti wkoll l-Provinċjal, l-Ekonomu Provinċjali u s-Sur Paul Camilleri. 'Il quddiem, fil-kapitlu konventwali ta' kull fraternita', se jingħata t-tagħrif meħtieġ dwar il-qagħda preżenti tal-Provinċja u ta' dik il-fraternita' partikulari.

P. Albert Micallef mar il-Kanada biex jagħti servizz pastorali fil-Parroċċa ta' S. Franġisk ġewwa Toronto.

**Filwaqt li nirringrazzjaw lil dawk kollha li apprezzaw l-edizzjoni l-ġdida tad-Direttorju Provinċjali '09 , navża li jekk xi ħadd jinnota xi nuqqas jew żball, għandu jibgħat <u>bil-miktub</u> il-korrezzjoni lil P. Alexander Borg O.F.M. Grazzi lil kulħadd tal-kooperazzjoni !!!!!!**

| FESTI | JANNAR 2010 | BIRTHDAYS |
|---|---|---|

08. P. Arthur Azzopardi
16. P. Marcello Ghirlando
20. P. Sebastian Camilleri
27. P. Julian Sammut

***Xewqat qaddisa !!!!!!***

06. P. Cherubim Galea
08. P. Adrian J. Cachia
    P. Mark Ciantar
09. P. Charles Grech
15. P. Kamillu Aquilina
31. P. Sandro Overend - Provinċjal

**LAQGĦA TAL-MILIED**
**għall-Patrijiet, Ġenituri u Qraba**

**Il-Ħadd 27 ta' Diċembru 2009**
**Dar tal-Irtiri Porziuncola**
**Baħar iċ-Ċagħaq**
**fil-5.30 pm**

## WERREJ
**Diċembru 2009**


| | |
|---|---|
| Pentekoste Franġiskan | 2 - 3 |
| Is-Saċerdot | 4 |
| *Justice, Peace and Integrity ….* | 5 - 6 |
| Żjara tal-Min. Ġeneral | 7 - 9 |
| Rendikont Miss. Franġ. | 10 |
| Aħbarijiet mill-Provinċja tagħna | 11 |


## L-AĦBAR


L-Editur
P. Alexander Borg O.F.M.

Patrijiet Franġiskani
Triq Dun Pawl Vella
Tas-Sliema SLM 1184
Tel. 21 33 11 83
E-mail : fralex@maltanet.net

Għall-aħħar aggornamenti
Hhttp:/ ofm.org.mt
Grazzi lil P. Joseph Magro O.F.M.